**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat**

**GĦAXAR LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

**20 ta' Novembru,2025**

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis- 2.16pm.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 19**

19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 18;
19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
19.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
19.6 Approvazzjoni tal-*Quartely Financial Report- Quarter* 3;
19.7 Ħatra ta' *Assistant Principal* ġdid;
19.8 Toroq – 10,000 metri kwadri ta' asphalt;
19.9 Isem ġdid għat-triq ta' wara Triq Xamgħan u toroq oħra;
19.10 Attivitajiet – *World Children's Day, Christmas in the Square;*
19.11 Ilmenti u suġġerimenti;
19.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;
19.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta tal-laqgħa li jmiss.

**Minuti**

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

**19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

19.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 18**

19.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.18 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-laqgħa tal-kunsill li kellha tkun ilbieraħ, ġiet posposta għal-lum 20 ta' Novembru, peress li lbieraħ kien hemm numru ta' kunsilliera li ma setgħux jattendu. B'mod unanimu, l-kunsilliera ddeċidew li l-laqgħa ssir illum 20 ta' Novembru.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal li kif setgħu jinnutaw beda x-xogħlijiet marbuta ma' l-asfaltar ta' Triq Xamghan. Ix-xogħol jidħer li miexi b'ritmu b'saħħtu, kif ukoll li beda x-xogħol fi Triq Dun Lazzru Camilleri. B'dan il-momentum u dejjem jekk ma jittantax ix-xogħol, kif ukoll it-temp ikun favorevoli, qisu sa tlett ġimgħat oħra tkun ingħatat l-ewwel kisja bit-tarmac. In-naħa ta' wara ta' Triq Xamgħan, ser tinqata' triq, peress li fil-permess ta' kostruzzjoni hemm il-wisa' tat-triq u faċċata huma għelieqi privati ODZ. It-triq bejn wieħed u ieħor hija wiesa' bejn sitt (6) metri u sitt metri u nofs (6.5), u għalhekk ser jinbena ħajt u jsiru l-*concrete gutter*. Il-bankini diġa saru man-naħa tat-triq fejn hemm ir-residenzi u huma aċċessibli għal kulħadd. Ir-residenti u s-sidien ta' dawn ir-residenzi għandhom iħossuħom fortunati li għalkemm it-triq għadha ma nfetħitx kollha, se jkollhom diġa' kisja waħda ta' asfaltar. Il-viċi sindku semma jekk ser ikun hemm kameras tas-sigurtà, biex jissorvelja dawn l-akkwati minħabba rimi ta' skart illegali. Is-sindku wara li qal li jaqbel li għandhom isiru dawn il-kameras, kulħadd għandu jerfa' ir-responsabiltà ta' l-azzjonijiet tiegħu.

19.3.2 Is-sindku qal li fi Triq Xamghan fejn hemm il-wesgha ma Triq Dun Lazzru Camilleri, jigifieri fejn hemm *il-cathouse, il*-kunsill nforma lill-perit biex iħejji disinn '*soft area'*, b'siġar, fjuri, bankijiet u tiġi *recreational are*a. Huwa maħsub li jinbena ħajt, jingħata simentt, biex prinċipalment ma' jintremiex *rubbish* u skart illegali. Dik il-parti li kien hemm il-*bring in sites,* dawn ġew imneħħija. Il-kunsill irid jinforma lill-perit biex jagħmel pjanta tal-*parking bays,* biex kulħadd jipparkja kif suppost. Il-kunsill ser jagħmel enfasi li ħadd ma' jista' jikkaparra t-triq b'*pallets* u hekk tiġi regolata t-triq.

19.3.3 Is-superjur tal-MUSEUM talab lill-kunsill biex isir *reserved parking* quddiem il-binja tal-mużew, biex f'ċertu ħinijiet ma jipparkjawx vetturi. Is-sindku qal li ser jiċċekja fuq din it-talba tistax isir jew le, biex eventwalment issir applikazzjoni mat-*Transport Malta*. Apparti minn hekk, hemm żewġ bankijiet li ser jitneħħew, fuq xewqa wkoll tas-superjur peress li

qed isiru xi abbużi. Mal-ħajt tas-*substation*, ser titpoġġa *rack* biex ikunu jistgħu jitpoġġew ir-roti tat-tfal, u jkunu jistgħu imorru l-MUSEUM.

19.3.4 Il-kunsilliera Cassar Sultana saħqet li għandu jsir iż-żbir tas-sigar fi Mġarr ix-Xini, fix-xahar ta' Jannar biex dawn is-siġar ikomplu jisbieħu. Is-sindku qal li mportanti li dawn jinżabru u l-kunsill iġib il-permessi neċessarji. Il-kunsilliera ħeġġet ukoll biex jiżdiedu s-siġar anki jekk dawn ikunu ġo *pots* kbar. Is-sindku qal li bħala kunsill, il-prijorità dejjem kienet li jiżdiedu s-sigar fir-raħal, imma dejjem jiddependi mil-finanzi disponibbli għal manutenzjoni u tisqija tagħhom.

19.3.5 Is-sindku semma wkoll li n-naħa ta' wara ta' Triq Xamgħan iridu jiżdiedu tlett bozoz, issa wkoll li ġej il-*budget* il-ġdid tas-sena 2026. Il-kunsill xorta qed jitlob allokazzjoni ta' darba biex isiru l-bozoz neqsin, peress li dawn l-aħħar xhur infetħu toroq ġodda. Il-viċi sindku semma fost l-oħrajn il-pjazzetta li hemm fi Triq Ta' Ċenċ, salib it-toroq ma' Triq Marsilja u Truq Dun Luqa biex jiżdiedu l-bozoz, bis-sindku qal li f'dan il-każ jistgħu anki jsiru fanali. Is-sindku wkoll saħaq li bħala kunsill riedu li Triq Marsilja tkun kollha *pots* bis-siġar, però, wieħed irid isemmi li siġra partikulari tbiddlet ħames darbiet u dejjem joqtluha. Il-viċi sindku ssuġerixxa li din id-darba titħawwel siġra tal-lumi u jaraw jekk terġax joqtluha.

**19.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri**

19.4.1 Il-kunsillier Bajada saqsa lis-sindku rigward ix-xogħlijiet tas-servizzi fi Triq Dun Luqa. Is-sindku nforma li x-xogħlijiet bdew ilbieraħ, bis-sindku bagħat imejl lill-inġinier biex jistaqsi jekk is-servizzi li deħlin fir-residenzi humiex parti mix-xogħlijiet. L-inġinier ser jiċċekja kif ħareġ it-*tender* u ser jagħti risposta lura lis-sindku. Is-sindku jifhem li dawn il-persunu li qed jgħixu preżentement f'din il-parti tat-triq għamlu spejjeż biex jagħmlu fossa peress li l-infrastruttura ma kinitx lesta, u għalhekk ix-xogħlijiet għandhom jinkludu servizzi deħlin fir-residenza privata tagħhom.

19.4.2 Is-sindku qal li fejn isir il-*paegent* marbut ma' l-Għid, hemm arblu li fih ħafna *wires* mdendlin miegħu u għalhekk hemm ħafna piż ta' *wiring*. Issa mil-korporazzjoni Enemalta qed jaħsbu li jista' jkun ta' periklu, u għalhekk qed jissuġerixxu li jagħmlu tliet arbli. Il-viċi sindku ssuġerixxa li forsi jsir rixtellu fuq il-blat u forsi jpoġġu ftit *pots* bis-siġar, imma s-sindku qal li ma jistax isir għax il-blat huwa skedat u protett u ma jista jsir xejn. Fil-fatt xħin isir il-*paegent* għalhekk saru xi pjanċi tal-ħadid biex ma jtaqbux ħofor fil-blat. Fuq il-*pots*, is-sindku qabel li għandhom imorru jaraw jekk jistgħux joqogħdu *pots* bis-siġar. Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet jekk hux ser jsir xi tip ta' presepju fejn is-siġra l-kbira fil-pjazza, bis-sindku jwieġeb li rigward presepji jintrema wieħed fejn id-daħla tar-raħal u l-ieħor fejn il-knisja. Is-sindku saħaq li bħala kunsill dejjem jipprova jżid it-tiżjin u l-ornamenti fir-raħal, però, dejjem jiddependi mill-finanzi disponibbli. Minbarra hekk, pjanti u siġar għandhom bżonn il-manutenzjoni u t-tisqija, u għalhekk huwa mportanti li jsir il-ġibjun propost fi Triq Marziena u anki jinxtara trakk biex ikun jista' jinġarr l-ilma għat-tisqija.

19.4.3 Il-kunsilliera Cassar Sultana resqet talba mingħand resident rigward il-ħajt il-*borehole* ta' Triq Il-Gruwa, għax kull m'hemm hemm żewġ kantuni mwaqqgħin, u jekk tagħmel ix-xita jitwaqqa' kollu. Is-sindku qal li ser jibgħat il-ħaddiema biex jitranġa l-ħajt. La qed isemmu tal-Gruwa, is-sindku qal li hemm xi ftit ħofor li jridu jimtlew bil-ramel, peress li ma

ħallewhomx jagħmlu l-konkos. Hemm ukoll ħofra Triq Durell, biex din ukoll timtela' u ma tkunx ta' periklu.

19.4.4 Il-kunsillier Bajada qal li ġibdulu l-attenzjoni fuq xi *pot,* peress li *pushchair* ma tgħaddix minn fuq bankina. Is-sindku diġa nfurmat u għalhekk ser iġibu *forklifter* u titressaq biex ma tkunx ta' inkonvenjent.

19.4.5 Il-kunsillier Bajada staqsa wkoll jekk il-kunsill kitibx lit-*Transport Malta* rigward il-*one ways* fi Triq Ta' Ċenċ, bis-segretarju eżekuttiv qalet li s'issa l-kunsill għadu ma kellux komunikazzjoni ma' *Transport Malta* fuq din it-talba. Is-sindku fakkar li peress li ser jagħmlu *traffic management plan,* biex ma jsirux numru kbira ta' *one ways* f'daqqa, hemm il-ħsieb li dawn ma jidħlux kollha f'daqqa.

19.4.6 Il-kunsillier Bajada semma ukoll li l-knisja minn isfel reġgħet mhix tixgħel. Fil-fatt, is-sindku kellem lill-kuntrattur biex jirranġa xi i ġo xi fanal, probabilment għax qed jaqa' xi ilma.

**19.5 Komunikazzjoni mis-segretarju**

19.5.1 Is-segretarju eżekuttiv semmiet li il-prassi hija li fl-erbgħa u għoxrin (24) u wieħed u tletin (31) ta' Diċembru, l-bini tal-kunsill jagħlqu f'nofsinhar. Il-kunsilliera approvaw li għal din is-sena wkoll, f'dawn il-ġranet imsemmija, l-bini tal-kunsill jagħlaq f'nofsinhar.

19.5.2 Il-kunsill irid jagħmel inawgurazzjoni tax-xogħlijiet li saru fil-*playing field* ta' Triq Marziena, biex il-kunsill ikun jista' jingħata l-fondi miftehma. Il-kunsilliera għadhom iridu jiddeċiedu d-data meta se ssir din l-inawgurazzjoni. Il-kunsillier Bajada fakkar ukoll li kellhu jinġab xi ħamrija, biex jintefa' fejn is-siġar in-naħa ta' wara li hemm fil-*playing field*. Is-sindku kkonferma li dan il-ħamrija ser tintefa' kif miftiehem. Il-kunsillieri qablu li meta jitlesta l-proġett tal-ġibjun, jitħawwlu aktar siġar, anki għall-fatt li l-ilma tal-ġibjun jintuża għat-tisqija.

19.5.3 Il-kunsill kellu talba mingħand persuna biex isir *free play* lill-għoxrin jew tletin student b' donazzjoni ta' għaxar (10) ewro. Il-kunsilliera ma tawx l-approvazzjoni tagħhom peress li l-*playing field* ma' jistax jinkera.

19.5.4 L-*animal steward* talab wieħed u disgħin (91) siegħa biex jiġu trasferiti għas-sena d-dieħla. Il-kunsilliera approvaw din it-talba.

19.5.5 Il-kunsill irid japprova *Performance appraisal* tas-Sa. Geraldine minn Lulju sa Settembru, tas-segretarju eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Grima u is-Sur Noel Borg l-*animal steward* minn Jannar sa Diċembru. Dawn ġew ikkonfermati.

19.5.6 Is-sindku qal li jridu jikkonfermaw il-perfermance bonuses tal-ħaddiema tal-Community. Is-segretarju eżekuttiv qalet li diġa għamliethom taħt *quarter 3*, issa qed tistenna ta' quarter 4.

**19.6 Approvazzjoni tal-*Quartely Financial Report- Quarter* 3**

19.6.1 Is-segretarju eżekuttiv bagħtet lill-kunsilliera r-rapport tal-*Quartely Financial Report- Quarter 3*. Il-kunsilliera approvaw dan ir-rapport magħmul mill-*accountant*.

**19.7 Ħatra ta' Bord għall-interviews għall-Assistant Principal**

19.7.1 15.03 il-laqgħa ġiet sospiża

19.7.2 15.07 il-laqgħa tkompliet

19.7.3 Kien hemm sebgħa applikanti li wrew l-interess u applikaw għal dan il-post vakanti. Għall-intervista ġew biss żewġ persuni, u l-Bord ta' l-għażla qabel li l-persuna li għandha tieħu din il-kariga huwa s-sur Mikhael Sam Mifsud. Il-kunsilliera qablu unanimament u taw l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Mifsud ser jibda f'din il-kariga l-ġdida wara li jiskadilu n-notice fl-impjieg ezistenti tiegħu bħalissa. Is-sindku saħaq li x-xogħol tal-kunsill għaddej grazzi għall-ħidma sfieqa tas-segretarju eżekuttiv u l-ħaddiema kollha tal-kunsill.

**19.8 Toroq – 10,000 metri kwadri ta' asphalt**

19.8.1 Kull kunsill f'Għawdex rċieva komunikazzjoni b'imejl mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex jiddentifika sa 10,000 metri kwadri biex isir *scarifying* u asfaltar ġdid ta' toroq. Il-kunsill identifika Triq il-Kbira, parti mit-Triq Tempju ta' L-Imramma u parti minn Triq Bebunaq peress li l-korporazzjoni ta' l-ilma diġa għamlu xi xogħlijiet li jinkludi dranaġġ, kif ukoll binja ġdida fit-tarf ta' Triq Bebunaq li wkoll għamlu trinka ġdida. Kull darba li l-kunsill jiġi mitlub permess biex isir *trenching* biex il-kunsill jagħmel in-*no objection* bil-kundizzjoni li jsir asfaltar minn *curb* sa *curb*, isir il-*full width* bit-*tarmac* jagħmlu l-*hot coal asfalt* u irid ikun hemm hxuna ta' 100mm skont l-ispesifikazzjonjiet li tal-perit. Għalhekk b'li diġa għamlu l-korporazzjoni ta' l-ilma permezz ta' trinka gdida, kull ma jkun jonqos huwa ftit metri biex isir bit-*tarmac*. Il-kunsill identifika wkoll Triq il-Ħarruba, fejn Triq Marsilja biex tingħata kisja oħra *tarmac*, peress li qed jinżamm ħafna ilma u ħmieġ u parti mit-triq l-fuq minn Pjazzetta tax-Xelina għal Triq Seguna. Hawnhekk il-korporazzjoni ta' l-ilma jridu jgħaddu żewġ *mains* ta' l-ilma, bil-kunsill mhux ser isib oġġezzjoni basta jsiru spejjeż tal-korporazzjoni. Il-Kunsilliera Cassar Sultana staqsiet fuq Triq 20 ta' Lulju peress li nfetħet biċċa ġdida, però, x'aktarx trid tiġi bic-siment u mhux bit-*tarmac*. Hemm ukoll parti minn Triq Coco Palmieri, mil-pjazza Santa Margerita sal-monument ta' Vincenzo Caruana.

**19.9 Isem ġdid għat-triq ta' wara Triq Xagħman**

19.9.1 Il-kunsill qiegħed fil-process li jsemmi toroq ġodda. Diġa hemm ismijiet rikomandati, però iridu jaraw jekk il-familji jaċċettawx. L-applikazzjoni biex tissemma isem tat-triq jinkludu wkoll li tinkludi bijogrifija żgħira, laqam, professjoni jew xogħol flimkien ma' data tat-twelid u data tal-mewt fost l-oħrajn.

19.9.2 Is-sindku kkonferma li f'riċerki li saru l-isem ta' Triq Xamgħan irid jinkiteb Ta' Xaman.

**19.10 Attivitajiet- World Children's Day, Christmas in the Square**

19.10.1 L-attività tal-*World Children's Day* se tittella' nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru fil-pjazza Santa Margerita, dejjem jekk it-temp jippermetti.

19.10.2 Fis-sitta (6) u sebgħa (7) ta' Diċembru ser jiġi organizzat *Christmas in the Square*. Hemm interess tajjeb għal din l-attività, fil-fatt diġa' nkitbu sitta u tletin (36) persuna biex jarmaw *stalls*. Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet jekk hux se jittellgħu bix-xorti biex jarmaw f'ċerti areas tal-pjazza, bis-sindku jwieġeb li l-ewwel prijorità għandha tkun individwi jew organizazzjonijiet mir-raħal.

19.10.3 Il-programm ta' żmien il-Milied jinkludi fost oħrajn, Tombla u ħarġa madwar Għawdex fit-tmintax (18) ta' Diċembru, party ghat-tfal fis-sitta u ghoxrin u fit-tletin (30) ta' Diċembru se jkun hemm *Get together* għal għaqdiet tar-raħal u jingħataw l-awguri lil xulxin.

19.10.4 Il-*get together* għall-kunsillieri, l-amministrazzjoni tal-kunsill flimkienn mal-ħaddiema tal-kunsill ser isir f'Jannar f'data li trid titħabbar.

**19.11 Ilmenti u Suġġerimenti.**

19.11.1 B'referenza għall-ilment 115/2025, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira ilmentat rigward ħofra quddiem ir-residenza tagħha f'din it-triq.

19.11.2 B'referenza għall-ilment 116/2025, resident li joqgħod fi Triq Xabbata talab li jsiru *double yellow lines. D*an peress li ma jkunux jistgħu joħorġu l-vetturi tagħhom meta jkun hemm il-karozzi pparkjati.

19.11.3 B'referenza għall-ilment 117/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* rigward *Stop* li hemm fl-art li għandha bżonn tinżebaħ.

19.11.4 B'referenza għall-ilment 118/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* rigward ħaxix ħażin fi Triq Dun Lazzru Camilleri.

19.11.5 B'referenza għall-ilment 119/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* rigward parking lines fi Triq 28 ta' April, li għandhom bżonn jinzebgħu.

19.11.6 B'referenza għall-ilment 120/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* rigward *Stop Sign* mal-art li għandha bżonn iz-zebgħa fi Triq 28 ta' April.

19.11.7 B'referenza għall-ilment 121/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* rigward *Stop Sign* fi Triq it-Tempju tal- Imramma mkissra.

19.11.8 B'referenza għall-ilment 122/2025, persuna talbet li titmexxa bozza no. 071/56, minħabba li l-arblu eżistenti qiegħed f'nofs entratura għall-bitħa tiegħu.

19.11.9 B'referenza għall-ilment 123/2025, resident li joqgħod fi Triq Ta' Cenc ilmenta li għadha kif saret il-bankina tar-residenza tiegħu u xħin marru tal-BCA sabiex jagħmlu spezzjoni relatata mal-*Compliance Certificate* tal-propjetà tiegħu nnutaw li l-bankina preżenti hija meqjusa bħala waħda wiesa wisq u għalhekk mhux adegwata.

19.11.10 B'referenza għall-ilment 124/2025, resident ilmentat rigward ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa fi Sqaq Ta' Xagħman fi Triq il-Kbira.

19.11.11 B'referenza għall-ilment 125/2025, residenta li toqgħod fi Triq Ta' Ċenċ qed titlob li tiġi rranġata tappiera tad-drenaġġ ta' fuq il-bankina quddiem ir-residenza tagħha. Dan peress li din tkissret.

19.11.12 B'referenza għall-ilment 126/2025, resident li joqgħod fi Triq Dun Luqa talab li jiġu rranġati ħofor li hemm f'din it-triq.

**19.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 11 /2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 11/2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

**19.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss**

19.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-3.30pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal it 16 ta' Diċembru fil-12.00pm.

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru 2025

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jeanette Grima<br>Segretarju eżekuttiv |